MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Numru 35/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Cassar)**
**vs**
**Victor Buttigieg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Victor Buttigieg** ta’ 32 sena, bin il-mejjet Anthony u Emmanuela nee’ Zammit, mwieled Pieta’ fid-9 ta’ Settembru, 1972, residenti fil-fond ‘Casa Buttigieg’, Triq il-Labour, Naxxar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 474072(M);

1. talli fil-lejl ta’ bejn it-2 u 3 ta’ Jannar, 2005 f’San Pawl il-Bahar, ikkommettejt serq t’apparat tad-‘diving’ li jiswa madwar elfejn u disa’ mitt lira Maltin (Lm2,900) mill-fond Maltaqua Garage li jinsab fi Triq Patri Felic Sammut f’San Pawl il-Bahar, liema serq huwa

aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur u dan bi ksur ta' Artikoli 264, 267 u 270 ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

2. u talli fit-3 ta' Jannar, 2005 xjentament xtrajt u/jew ilqajt ghandek hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew, jew xjentament b'kull mod iehor li jkun iddahhal f'dawn il-Gzejjer biex tbieghhom jew tmexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess jum u fil-granet ta' qabel f'dawn il-gzejjer soqt vettura tat-tip Peugeot 605 bin-numru tar-registrazzjoni NOE-131 meta ma kontx kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskju ta' terzi persuni u dan bi ksur t'Artikolu 3 ta' Kap. 104 ta' Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar tajt xhieda falza jew hlift falz quddiem Magistrat u /jew quddiem ufficjal iehor li ghandu s-setgha bil-ligi li jaghti gurament u dan bi ksur tal-artikolu 108 ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta u;

5. u aktar talli sirt recediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 (1) ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D nhar is-7 ta' Lulju, 2003 u li hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita tordna l-iskwalifika minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat ir-rinvinju tal-avukat generali (fol 98) li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263 sa 267, 270, 330, 28, 279(b), 281, 344, 108, 289, 49, 51, 31, 23, 20 u 533 tal-Kap 9 u 3, 20, 22 u 23 Kap 104. Rat illi l-imputat ma oggezjonax ghal-prosegwiment tal-kawza bil-procedura sommarja (fol 115);

Semghet il-provi u rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

L-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu wara li kien intercettat mill-Pulizija ftit tal-hin biss minn meta kienet irrapurtata serqa bi zgass minn stabbiliment li jikri apparat tal-ghaddasa. L-istess oggetti misruqa kienu misjuba fil-vettura tal-imputat minnu misjuqa u dan ta' lok ghall-akkuzi fuq ravvizati. Meta kien interrogat mill-Pulizija, l-imputat qal li hu kien ghadu kemm xtara dawk l-oggetti minghand persuna li jaf li tkun fi-bzonn tal-flus biex tixtri d-droga u wara li kien accertat li ma kienux misruqa. Fil-kors tal-indagini taghha, l-Pulizija kellha ghalfejn tissuspetta li l-imputat, allura suspettat, ma kienx qed jghid il-verita' u wara li regghet interrogatu huwa rrilaxxja stqarrija fejn ammetta li kien mar flimkien ma' persuna ohra fl-istabiliment fejn hu stenna barra u l-komplici wettaq is-serqa tal-oggetti. Is-serqa kienet ukoll mertu ta' inkjesta *in genere* fejn il-Magistrat Inkwirenti kienet hatret espert biex jaghmel relazzjoni teknika. Jirrizulta illi l-imputat kien iddepona quddiem l-espert tekniku (fol 38) fejn kkonferma li hu kien avvicinat minn certu persuna li hu semma lill-Pulizija u li minn ghandha kien xtara dan l-appart misruq. Mill-provi mressqa, akkluza l-istqarrija tal-imputat a fol 47 u 48 tal-process jirrizulta pruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat kien l-awtur ta' din is-serqa bi zgass. Il-vittma ppruvat il-valur tal-oggetti li jirrendi dan is-serq aggravat bil-valur. Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex issib lill-imputat hati ta' serq aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur skond l-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Illi isegwi illi l-akkuza ta' ricettazzjoni ma tistax tirrizulta kwantu l-istess oggetti u ghalhekk din qed titqies bhala akkuza alternattiva li minnha l-imputat qed ikun liberat;

L-imputat kien qed isuq vettura li ma kienitx registrata f'ismu izda li kienet debitament licenzjata sal-5 ta' Frar 2005. Rapprezentant tad-Direttorat tal-Licenzji xehed illi s-sid registrat tal-vettura kien baghat ittra lid-Dipartiment fejn infurmahom illi f'Gunju tal-2004 kien bejgh il-vettura lill-imputat li kellu johrog polza ta' assikurazzjoni biex ikun

jista’ jsir it-trasferiment. Stante li l-imputat kien intercettat fl-2005, l-prova tal-polza kienet tinkombi lilu u dan baqa’ ma ressaq ebda tali prova biex jiskolpa ruhu minn din it-tielet akkuza;

L-imputat huwa akkuzat ukoll li xehed il-falz meta fit-3 ta’ Jannar huwa offra x-xhieda tieghu lill-perit tekniku mahtur mill-Magistrat Inkwirenti u dan kontra id-dispost tal-artikolu 108 tal-Kap. 9. L-imputat xehed bil-gurament quddiem il-perit tekniku wara li inghata twissija. Dwar dan irid jinghad mill-ewwel illi f’kazijiet bhal dak in dizamina, ir-ritrattazzjoni, llum accettata fid-dottrina guridika taghna, mhix sostenibbli meta ix-xhieda falza tkun inghatat kontra d-dispost tal-artikolu 180. Dan jista’ jkun ammess fil-kaz ta’ spergur izda mhux wara xhieda moghtija fl-ingenere. (ara **Pulizija vs Patrick Filletti et deciz 24/11/92** kif ukoll **Pulizija vs Abdellatif Marzouki Hachemi Beya Bint - App Kri 22.10.01** Huwa ukoll akkolt fil-gurisprudenza illi jehtieg li l-prosekuzzjoni tipprova li l-persuna li amministrat il-gurament kellha fl-ewwel lok il-poter mhux biss li taghmel hekk izda ukoll li taghmel hekk ghal dik l-okkazzjoni partikolari. Issa, f’dan il-kaz, il-perit legali/tekniku li kkonduca l-inkjesta f’isem il-Magistrat Inkwirenti ghamel hekk b’digriet tal-istess Magistrat datat 3 ta’ Jannar, 2005. Fol 20 (li hu fol 3 tal-process verbal tal-inkjesta) jghid testwalemt: “Il-Magistrat Inkwirenti wara l-appozitu digriet innominat lil Dr. Robert Abela bhala espert legali u PS 1336 Jesmond Micallef u PC 94 Jake Farrugia bhala scene of crime officers.” Il-Qorti ghamlet tfittxija ghal dan “l-appozitu digriet” fil-process verbal izda ma rrizultax hemm akkluz. Issa, stante li l-Kodici Kriminali ma tipprovdix ghall-poteri tal-esperti legali jew teknici, l-istess poter ghandu jkun specifikatament elenkat mill-Magistrat Inkwirenti, kif del resto dejjem hekk sar. Dan huwa rikjest mill-artikolu 548 tal-Kap 9 li jghid li “Fl-access ghandhom jingiebu l-periti li jinhtiegu, u ta’ dan l-access ghandu isir process verbal. Izda, l-Magistrat jista’ meta’ jidhrilu spedjenti, jaghti s-setgha lill-periti li jircievu dokumenti u jisimghu x-xhieda bil-gurament ... “. Jirrizulta izda, illi minn ezami tal-process verbal dawn il-poteri ma kienux hekk elenkati u ghalhekk ma jirrizultax illi l-perit

tekniku cum legali kellu l-poter li jamministra il-gurament. Ara in rigward, l-Appell Kriminali, **Pulizija vs Vincent Grima et 24.06.98.** Naturalment dan ma jirrendix null id-dikjarazzjoni tal-imputat li a bazi taghha instab hati tal-akkuza ta' serq kif imfisser *supra* stante li din hija iffirmata minnu, izda dan jincidi direttament fuq l-ezistenza o meno tal-poter li kellu l-perit legali biex jamministra l-gurament. Dan, fil-fehma tal-Qorti, ma kienx jemani minn xi ligi jew minn digriet appozitu u ghalhekk ma jistax jinstab hati ta' din l-akkuza;

L-imputat huwa akkuzat ukoll li huwa recediv b'sentenza definitiva li inghatat fil-konfront tieghu fis-7 ta' Lulju 2003. Dwar dan saret id-debita prova bl-akkluzi tas-sentenza (fol 51) u x-xhieda tal-ufficjal prosekutur f'dik il-kawza (fol 106) u ghaldaqstant ser jinstab hati ukoll ta' din l-akkzua;

Ghal dawn il-mottivi, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) u tar-raba (4) akkuza u tilliberah minnhom, qed issibu hati tal-ewwel (1), t-tielet (3) u l-hames (5) akkuza;

Wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263 sa 267, 270, 330, 28, 279(b), 281, 289, 49, 51, 31, 23, 20 u 533 tal-Kap 9 u 3, 20, 22 u 23 Kap 104;

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat;

Tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mil-lum. Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzji tas-sewqan ghal zmien sena u tikkundannah ihallas l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta skond il-process verbal u dan fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------